# Ġ 5.1 IT-TURIŻMU




**Ġ5.1.2**
Nidentifikaw xogħlijiet (*jobs*) marbuta direttament u indirettament mat-turiżmu.



**A. Pinġi x-xogħlijiet li għandhom rabta diretta mat-turiżmu. B'kollox għandek issib sitta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| kok f'restorant | għalliem | wejter f'bar Buġibba | pulizija |
| skrivan | gwida | aġent tal-ivvjaġġar | mastrudaxxa |
| xufiera tat-taxis | sindku | xufier tal-kowċis | bennej |

**B. Imla l-vojt bil-kliem ta' hawn taħt**

jkollniex Mediterranja ospitalità bajjiet baħar
turisti sajf xitwa nadif lukandi
Holiday flats storiċi konferenzi dinja

1. Mal-miljun persuna fis-sena jżuru Malta fuq xi btala. Dawn in-nies ngħidulhom ________________________________.
2. Ħafna ġew fis-sħana tas-______________________ iżda uħud ġew ukoll fix-_________________________.
3. Bosta ġew fis-sajf biex igawdu l-__________________ blu u nadif tagħna.
4. Żaru bosta ___________________________ imrammla u oħrajn bil-blat.

5. l-importanti hu li kull fejn imorru jsibu ________________ u l-Maltin juru ________________________ magħhom.
6. Ħafna turisti joqogħdu f'____________________ u oħrajn f'appartamenti apposta li nsejħulhom _________________________.
7. Dawk li ġew fix-xitwa gawdew mit-temp sabiħ ta' Malta, għax Malta għandha klima ______________________. F'din il-klima nsibu sjuf sħan u xtiewi moderati.
8. Fix-xitwa ma ____________________ borra u l-ġranet kesħin huma ftit.
9. Ħafna turisti jżuru postijiet ___________________ li biċċa minnhom ma hawnx bħalhom aktar fid-__________________________ kollha.
10. Hemm ukoll turisti li jiġu Malta għal ___________________________ internazzjonali li jsiru f'ħafna lukandi u ċentri tal-konferenzi.

**Ċ. Aqra dawn u wieġeb.**

Fl-istampa jidhru grupp ta' turisti qegħdin igawdu dawra bid-dgħajsa ma' wieħed mix-xtut li għandna Malta.

1. Semmi ħaddiem Malti li qiegħed jaqla' l-flus minn din l-attività.

____________________________




2. Min iktar jista' jaqla' l-flus meta t-turisti joħorġu b'dgħajsa bħal din.

____________________________

____________________________

## D. Qabbel billi tikteb numru fil-vojt.

| | | |
|---|---|---|
| 1. Inwassal lit-turisti mill-ajruport sal-lukanda | | xufier tal-kowċ |
| 2. Nirrakkonta xi ġrajja mill-istorja ta' Malta lit-turisti waqt żjara f'xi post storiku | | kok |
| 3. Nipprovdi kmamar lit-turisti waqt il-mawra tagħhom | | gwida |
| 4. Inqassam ikel u xorb lit-turisti f'ristorant | 1. | xufier tat-taxi |
| 5. Nieħu grupp ta' turisti jgawdu l-festa tar-raħal | | sid ta' lukanda |
| 6. Nipprepara l-ikel għat-turisti fil-kċina tal-lukanda | | wejter |

## E. Fl-istampa jidhru *holiday flats* li jinsabu lejn Tas-Sliema.

F'dawn il-flettijiet sikwit insibu ħafna turisti.



**Wieġeb**

1. Semmi żewġ jobs (xogħlijiet) li jagħmlu l-Maltin u li għandhom x'jaqsmu mat-turiżmu:
   a)________________________________
   b)________________________________

2. Liema hija l-lingwa li aħna l-Maltin l-iktar nużaw, biex biha nikkomunikaw mat-turisti?
   ________________________________

3. Semmi żewġ postijiet li jħobbu jżuru t-turisti meta jiġu Malta jew Għawdex.

a)________________________________

b)________________________________

4. Għaliex għalina l-Maltin it-turiżmu huwa importanti ħafna?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**F. Immarka fuq il-mappa ċ-ċentri turistiċi li għandna f'Malta u Għawdex.**

- ❖ Buġibba
- ❖ Il-Qawra
- ❖ Tas-Sliema
- ❖ San Ġiljan
- ❖ Paceville.
- ❖ Marsalforn
- ❖ Xlendi

